MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 974/2003

**Dingli Co International Limited
bhala mandatrici tas-socjeta estera
ta' The Performing Right Society
Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Oak Tree Pub Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88) kwantu ghal Lm66.85 Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Novembru 2002 sal-5 ta' Novembru 2003, in konnessjoni mal-licenzja numru 011248 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Pavillon Palace

Restaurant, St. Andrews limiti ta’ San Giljan u Lm10.03 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Ra n-nota guramentata li giet prezentata mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------